**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 1613/01JR**

**Anthony Schembri u b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2002, saret korrezzjoni fis-sens li flimkien mal-attur tnizzlet Doris Schembri mart l-istess attur**

**vs**

**Raymond Mizzi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fid-29 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), rapprezentanti arretrati ta' erba' xhur kera versu l-prezz ta' hamsin lira (Lm50.00) fix-xahar kif**

**miftiehem, dovuta lill-attur in rigward ghall-fond numru 46 St. Mary Street, Hamrun, ghas-sena 2001;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Dicembru, 2001, li fiha ntqal:**

i. **Illi preliminarjament l-okkju mhux integru sia ghar-rigward l-aspett ta' l-attur kif ukoll l-konvenut u b'hekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**
ii. **Illi fil-meritu l-ammont mhux dovut mill-konvenut lill-attur li m'ghandux titolu legali u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;**
iii. **Illi di piu` l-esponent dejjem hallas il-kera favur is-sid proprju u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Schembri u Doris Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' erba' xhur kera tal-fond numru sitta u erbghin (46) St Mary Street, Hamrun, ghas-sena 2001, u dana bir-rata ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) fix-xahar.**

**2. L-ewwel eccezzjoni giet sorvellata billi giet kjamata in kawza mart-il konvenut.**

**3. Jirrizulta li originarjament fis-7 ta’ Mejju, 1986, kienet saret skrittura, Dok.B, bejn l-attur u certu Christinu Formosa, li permezz taghha kien kera l-fond sebgha u erbghin (47) Saint Mary Street, Hamrun, lill-attur ghall-hmistax-il sena. Din l-iskrittura giet modifikata bi skrittura ohra, Dok.C, datata 17 ta’ Gunju, 1987, fejn fil-klawsola tnejn ta’ l-imsemmi ftehim inghata d-dritt lill-attur li jissulloka.**

**4. Jirrizulta li fl-20 ta’ Gunju, 1996, kienet saret skrittura ta’ lokazzjoni bejn l-attur u l-konvenut.**

**5. Jirrizulta mill-iskrittura, Dok.A, li l-kirja kienet ghall-erba’ snin, u li l-attur ghall-dawk l-erba’ snin kien qed jaccetta il-kera ta’ hamsin lira Maltija (Lm50.00) fix-xahar, li kellha tithallas bil-quddiem kull xahrejn.**

**6. Jirrizulta li wara li skada dan il-kuntratt il-konvenut kien baqa’ fil-kera sal-20 ta’ Gunju, 2001. Skond l-attur il-konvenut ghandu jaghtih il-kera ta’ erba’ xhur.**

**7. Doris Schembri xehdet fis-sens li ma kienetx taf dettalji dwar il-kirja, u li ma kellha ebda problema biex taghti l-kunsens taghha biex tiggedded il-kirja.**

**8. It-Tribunal jirrileva li l-kera originali skadiet fis-7 ta’ Mejju, 2001, u l-attur baqa’ fil-kera. Ma hemmx prova kontrarja fir-rigward.**

**9. F'dan l-istadju ghalhekk jigi li t-Tribunal ghandu jiddetermina jekk l-attur fil-fatt ghadx ghandu titolu validu fil-ligi. L-eccezzjoni moghtija mill-konvenut fil-fatt proprju tirrigwarda dan il-punt.**

**10. Ma hemmx dubbju li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jistabilixxi kwistjoni dwar titolu validu o meno. Jekk hux dovut il-hlas jew le, jista' biss jirrizulta kemm il-darba jigi stabbilit li t-titolu ta' l-attur kien fil-fatt titolu validu fil-Ligi.**

**11. Fic-cirkostanzi u mill-provi mismugha hemm hafna x'wiehed jargumenta dwar il-validita` o meno tat-titolu, tenut kont li l-kirja originali li biha inghata d-dritt tas-sullokazzjoni kienet fil-fatt skadiet.**

**12. It-Tribunal ghalhekk fic-cirkostanzi, u in vista ta' dak li jistipula l-Art.7(2) ta' l-Att V ta' l-1995, iqies li din il-kwistjoni tesorbita l-kompetenza tat-Tribunal.**

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jiddikjara ruhhu mhux kompetenti 'ratione materiae' sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**